# Ejja mmorru

**Lis-Surmast Anton Muscat Azzopardi, A.M.L.C.M.**

Ejja mmorru;
ejja mmorru;
ejja mmorru t-tnejn flimkien.

Ilu Mejju
qalb il-plejju
b'leħen ħlejju
isejjħilna kullimkien.

Ejja mmorru;
ejja mmorru;
ejja mmorru t-tnejn flimkien.

*
* *

Inti ddoqq u jiena ngħanni;
ngħannu, ndoqqu t-tnejn flimkien.
Bina tifraħ l-art u s-sema;
bina jifraħ il-ħolqien!

Twapet ħodor taħt riġlejna;
żfin ta' ward quddiem għajnejna;
għana u daqq jidwu f'widnejna:
seħer wieħed kullimkien!

Ejja mmorru;
ejja mmorru;
ejja mmorru t-tnejn flimkien.

*
* *

Ejja mmorru f'Saltna Ġdida fejn in-nies ma taraniex.
Ejja mmorru f'Art il-Hena fejn il-hemm ma jilħaqniex.
Ejja mmorru f'Art il-Ħajja fejn il-mewt ma taħkimniex.

Ejja mmorru t-tnejn x'imkien,
fejn m'hemmx wisa', fejn m'hemmx żmien:
fejn fi ħdan id-Daqq u l-Għana
ngħixu u ngħammru t-tnejn flimkien.

Ejja mmorru;
ejja mmorru;
ejja mmorru t-tnejn flimkien.

KARMENU VASSALLO

22 ta' April, 1937.